# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Ottubru 2023**

**Avviż Nru: 174/23JG**
**Nru fuq il-Lista: 5**

**Centro Freddo Limited (C56787)**

**vs**

**Laura Fardella (K.I. 185931A)**

**Il-Qorti;**

Rat l-Avviż tas-soċjetá attriċi datata 13 ta' Lulju 2023[1], permezz ta' liema hija talbet li l-konvenuta tiġi kkundannata tħallas l-ammont ta' ħamest elef, sitt mija u tmienja u sittin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€5,688.51ċ) għar-raġunijiet imfissra fl-istess Avviż;

Rat id-dokumenti annessi[2];

[1] A fol 1 tal-proċess.
[2] A fol 3 *et seq* tal-proċess.

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Lulju 2023[3].

Rat in-nota t'ammissjoni tal-konvenuta tal-14 ta' Awwissu 2023[4].

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-lum fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi kif diġa ġie senjalat hawn fuq, il-konvenuta għażlet li tammetti t-talba fil-konfront tagħha[5]. Huwa indubitat li ammissjoni bħal din hija aktar qawwija minn kull prova oħra għaliex "*confessio est probatio probatissima*"[6]. Għalhekk, f'każ fejn din isseħħ, idejn il-Qorti ikunu marbuta u tkun tista' biss tilqa' t-talba[7]. Jiġi wkoll mfakkar li meta sseħħ ammissjoni, ġudikant għandu jgħaddi sabiex jilqá dak mitlub iżda mhux li jiddikjara l-mertu tal-proċediment eżawrit[8].

Illi din l-ammissjoni saret mingħajr ebda riżerva jew kundizzjoni.

Illi għalhekk, in vista ta' dan, kif ukoll tar-riżultanzi hekk kif jemerġu mill-proċess sħiħ, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tilqa' t-talba kif dedotta.

---

[3] A fol 10 tal-proċess.
[4] A fol 16 tal-proċess.
[5] Rilevanti għalhekk dak li jrid l-artikolu 693 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
[6] *La confessione é la superprova.* – Brocardo 940 *bis* – **Dizionario dei Termini Ġiuridici e dei Brocardi Latini,** Edoardo Mori, VII ed, fol 101.
[7] Fost diversi, il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta p.l.c. vs Justin Micallef Grimaud,** (Rik Maħluf Nru: 688/2021) u ċioé: *"Dan hu hekk għaliex, confessus pro iudicato est, qui quodammodo sua sententiae damnatur – li maqlub għall-Malti tfisser – li dak li jammetti waqt il-proċess jikkundanna lilu nnifsu u għalhekk jiġi li jiddetta ssentenza tiegħu stess"*
[8] *Vide* f'dan is-sens dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Grima vs Alfred Attard et**, (App Ċiv Nru: 3/2013/2), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) nhar is-6 ta' Ottubru 2020.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' ħamest elef, sitt mija u tmienja u sittin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€5,668.51ċ), bl-imgħax legali mit-12 ta' Mejju 2023[9] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u dik tal-ittra uffiċjali msemmija[10] jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenuta.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

---

[9] Data tan-notifika tal-ittra uffiċjali *a tergo* ta' fol 5 tal-proċess u dan skond dak li jrid l-artikolu 1141(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[10] Dok B annessa mal-Avviż.